6 ta' Novembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Saliba *versus* Giuseppe Darmanin et.

**Retratt — Permuta — Rivendizzjoni — Rexissjoni — Interess — Simulazzjoni — Nullità — Art. 1508 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min jakkwista fond b'titolu ta' permuta, u dak il-fond jiġi rkuprat, ma għandux interess fil-kawża li ssir biex jiġi dikjarat validu r-retratt eżerċitat u biex tiġi ordnata r-rivendizzjoni favur ir-retraent, jekk dik il-permuta tkun ġiet rexissa qabel ma saret iċ-ċitazzjoni f'dik il-kawża.*

*Jekk l-irkupru jiġi eżerċitat fuq l-istess fond minn aktar minn persuna waħda, u r-retrattarju jagħmel ir-rivendizzjoni tal-fond favur wieħed mir-retraenti, ir-retraent l-ieħor, li jallega li l-irkupru eżerċitat mill-konkorrent tiegħu huwa simulat għax eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor, u jaġixxi kontra r-retrattarju biex dan jagħmillu r-rivendizzjoni, ma għandux bżonn jitlob fiċ-ċitazzjoni, qabel il-kundanna tal-konvenut għar-rivendizzjoni, l-annullament tar-rivendizzjoni li dak il-konvenut retrattarju jkun għamel preċedentement lir-retraent l-ieħor.*

*F'każi ta' simulazzjoni ta' retratt mhux solitu jintalab dikjarazzjoni espressa f'dan is-sens; imma anki kieku din id-dikjarazzjoni kienet meħtieġa, ir-retraent juri li qiegħed jitlobha, meta fiċ-ċitazzjoni jippretendi li l-irkupru tar-retraent l-ieħor sar fl-interess ta' ħadd ieħor—ħaġa li ġġib magħha n-nullità ta' l-istess irkupru.*

*Għalhekk ukoll, lanqas hija meħtieġa talba għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-eżerċizzju ta' l-irkupru magħmul mir-retraent.*

*Din għandu dritt ta' rkupru ma jistax jittrasferih lil ħadd ieħor; u għalhekk mhux ammissibili u huwa null, l-irkupru eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor, bil-promessa preventiva ta' trasferiment tal-ħaġa lil dik il-persuna.*

*Għax il-liġi, meta tagħti dritt ta' rkupru, tissupponi li l-operazzjoni ta' l-irkupru ssir in bwona fede; mentri jkun żgur in mala fede l-irkupru ideat u eżerċitat għal ħadd ieħor. Ta' dina l-mala fede huwa ndizju mhux ekwivoku l-fatt li r-retraent ma jkunx sejjer jirrikava bl-irkupru ebda vantaġġ reali apprezzabili għalih.*

*Jekk l-irkupru tal-konkorrent kien simulat, il-fond qisu qatt ma ħareġ mill-poter ta' l-akkwirent retrattarju; u għalhekk id-domanda għar-rivendizzjoni hija magħmula tajjeb meta tiġi rivolta kontra tiegħu, avvolja huwa jkun irrilaxxja u rrivenda l-fond lil min irkupra l-fond simulatament.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Caruana tal-25 ta' Ottubru 1944 il-konvenut Giuseppe Darmanin xtara minn għand Francesco Camilleri u oħrajn in-nofs indiviż ta' ħamsa minn sitt partijiet tad-dar numru 72 Triq San Bartolomeo, iż-Żurrieq, soġġetta d-dar kollha għaċ-ċens perpetwu ta' 13s. 4d. fis-sena, bil-prezz ta' £212. 10. 0, u wkoll in-nofs indiviż ta' sest indiviż ta' l-istess dar bil-prezz ta' £42. 10. 0 (dok. A); illi b'kuntratt ieħor għand l-istess nutar il-konvenut Giuseppe Darmanin xtara minn għand Gaetano Camilleri n-nofs mhux maqsum ta' l-istess dar, bil-prezz ta' £255 (dok. B); li b'kuntratt tal-21 ta' Awissu 1945, il-konvenut Leonardo Barbara akkwista b'titolu ta' permuta l-imsemmi fond minn għand il-konvenut Giuseppe Darmanin (dok. C); illi l-konvenut Giuseppe Camilleri eżerċita d-dritt tar-rkupru fuq il-fond fuq imsemmi rigward it-trasferimenti fuq imsemmija b'ċedola tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (dok. E) tas-16 ta' Ottubru 1945; illi Carmela mart Giuseppe Saliba,

l-attriċi, eżerċitat id-dritt ta' rkupru fuq l-istess fond b'ċedola ta' retratt u kontestwali depożitu tas-26 ta' Settembru 1945 (dok. D); u li l-konvenut Giuseppe Darmanin ippretenda li ma setax jagħmel ir-rivendizzjoni in vista tal-konkors ta' retratt ta' l-instanti u tal-konvenut Giuseppe Camilleri, mentri dana, bil-kompliċità tal-konvenuti, qiegħed jeżerċita r-retratt fl-interess ta' ħadd ieħor, kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża; talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, u speċjalment id-dikjarazzjoni illi hija eżerċitat validament l-imsemmi retratt, il-konvenut Giuseppe Darmanin ikun kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni ta' l-imsemmi fond a favur tagħha fiż-żmien li jagħtih din il-Qorti; u fil-każ li jgħaddi inutilment dan iż-żmien, ir-rivendizzjoni tiġi dikjarata effettwata in forza ta' l-istess sentenza tal-Qorti. B-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru 1945, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess f'dina l-kawża tal-konvenuti Leonardo u Francesca aħwa Barbara. L-attriċi fiċ-ċitazzjoni tallega li "bil-kompiliċità tal-konvenuti, il-konvenut Giuseppe Camlleri qiegħed jeżerċita r-retratt fl-interess ta' ħadd ieħor", iżda ebda prova ma saret f'dan is-sens. Barra minn dan, il-permuta tal-fond in kwistjoni ġiet rexissa fil-21 ta' Mejju 1946, jiġifieri qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, u b'dina r-rexissjoni l-attriċ setgħet faċilment tkun taf b'sempliċi riċerka fir-Reġistru Publiku. Issa, id-domandi proposti mill-attur ma jistgħu bl-ebda mod jolqtu lill-konvenuti Barbara, li għalhekk lanqas jista' jkollhom interess jikkontestaw dawk id-domandi. Konsegwentement l-istanza kontra tagħhom mhix sostenibili;

Dwar l-eċċezzjoni li r-rivendizzjoni mill-konvenut Darmanin mhix ammissibili qabel ma tiġi annullata dik minnu magħmula lill-konvenut Camilleri. Dina l-preġudizzjali mhix aċċettabili; (1) għaliex l-attriċi qiegħda tippretendi li r-retratt ta' Camileri huwa null minħabba li ġie eżerċitat fl-interess ta' ħadd ieħor, u miegħu hija nulla wkoll ir-rivendizzjoni magħmula minn Darmanin, u dana in forza ta' l-aforisma "quod nullum est nullum producit effectum"; (2) għaliex dik ir-rivendizzjoni hija għall-attriċi "res inter alios acta",

u kwindi ma tistax tippreġudika d-drittijiet tagħha. Del resto, normalment, f'każi ta' simulazzjoni ta' retratt, mhux solitu tinkiteb dikjarazzjoni espressa f'dan is-sens (Kolez. XXV—I—62, u XXXIII—I—432); iżda anki li dina d-dikjarazzjoni kienet m'hiex meħtieġa, l-attriċi wriet li qiegħda titlobha, meta ppremettiet fiċ-ċitazzjoni li l-konvenut Camilleri eżerċita l-irkupru fl-interess ta' ħadd ieħor — ħaġa dina li ġġib magħha n-nullità ta' l-istess irkupru. B'analoġija, imbagħad, ma' l-azzjoni rivendikatorja ta' ħaġa aljenata lil terzi persuni, ġie kostantement ritenut li mhux meħtieġ li jintalab ukoll l-annullament *ta' dak l-att aljenatorju* (Kollez. VIII, 755; XI, 362; XXIX—II—442 u 933);

**Ikkunsidrat;**

Illi, għall-istess motivi, il-preġudizzjali l-oħra opposta mill-konvenut Camilleri, li l-ġudizzju huwa irritwali mingħajr il-previja dikjarazzjoni tan-nullità tar-retratt minnu eżerċitat, hija anki inaċċettabili;

Illi, rigward il-pozjorità fit-titoli ta' rkupru eċċepita mill-istess Camilleri, għad li l-attriċi ma tikkontrastax dina l-pozjorità, il-kwistjoni jista' jkollha importanza biss fil-każ li l-irkupru tal-konvenut Camilleri jseħħ, u għalhekk jeħtieġ li qabel tiġi investita l-kwistjoni prinċipali tas-simulazzjoni ta' dak ir-retratt, li l-attriċi tponi bħala bażi ta' l-azzjoni odjerna;

Illi dwar dina l-kwistjoni hu xieraq li, qabel xejn, jiġu rikjamati xi prinċipji li jirregolaw dina l-materja:—

1. Skond l-art. 1508 (2) tal-Kodiċi Ċivili, min għandu dritt ta' rkupru ma jistax jittrasferih lil ħadd ieħor;

2. Minn dina d-dispożizzjoni l-ġurisprudenza argumentat li mhux ammissibili, u kwindi huwa null, l-irkupru eżerċitat fl-interess ta' persuna oħra, bil-promessa preventiva ta' trasferiment tal-ħaġa lil dina l-persuna. Difatti l-liġi, meta tat lil persuni determinati d-dritt ta' rkupru, issupponiet li l-operazzjoni ssir "in buona fede" (Kollez. VI, 538), mentri jkun jsir in mala fede meta l-irkupru jiġi ideat u eżerċitat għal ħadd ieħor (Kollez. XXV—II—201; XXIX—II—337). Ta' dina l-mala fede huwa indizju mhux ekwivoku l-fatt li r-retraent ma jkunx sejjer jirrikava, bl-irkupru, vantaġġ reali apprezzabili għalih;

*Omissis;*

Illi, eżaminati ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' dawn l-prinċipji, il-Qorti hija tal-fehma li jirrikorru konġetturi gravi, preċiżi u konkordanti, li juru li l-irkupru mill-konvenut Camilleri sar esklużivament fl-interess tal-konvenut Darmanin, kif jidher mir-riljevi hawn taħt miġjuba:—

*Omissis;*

Rigward min għandu jiġi kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni, għamlet sewwa l-attriċi meta talbet li dina ssir biss mill-konvenut Darmanin. Infatti, ladarba l-irkupru ta' Camilleri kien simulat, dan huwa null u ma jista' jipproduċi ebda effett, bil-konsegwenza li l-fond għandu jitqies bħal kieku qatt ma ħareġ mill-pussess tal-konvenut Darmanin;

Din hija, del resto, il-prattika kostanti, konfermata anki mill-ġurisprudenza (Kollez. XXVII—II—64; XXXII—I—343);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-preġudizzjali tan-nuqqas ta' interess fil-konvenuti Leonardo u Francesca aħwa Barbara, u konsegwentement tilliberahom mid-domandi; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità u irritwalità tal-ġudizzju minħabba li ma ntalbetx in-nullità ta' rkupru magħmul mill-konvenut Camilleri u tar-rivendizzjoni favur l-istess Camilleri magħmula mill-konvenut Darmanin;

U konsegwentement tilqa' d-domandi ta' l-attriċi, u tikkundanna lill-konvenut Darmanin jagħmel favur l-istess attriċi r-rivendizzjoni tal-fond minnha rkuprat, u dana fi żmien għaxart ijiem mill-ġurnata li jkun sar lilu l-ħlas ta' dak li hu rimborżabili lilu skond il-liġi, jew mill-ġurnata li jkun ġie minnu approvat id-depożitu relativ taħt l-awtorità tal-Qorti;

L-ispejjeż, barra dawk deċiżi, jitħallsu mill-konvenuti Darmanin u Camilleri, "in solidum".